**23 ta' Jannar, 1992**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Il-Pulizija (Spettur Antoine Cassar)

*versus*

Longinu Aquilina

**Applikazzjoni għal proċeduri quddiem il-Qrati tal-Maġistrati fil-Funzjoni tagħhom kemm bħala Qorti ta' Ġudikatura kif ukoll bħala Qorti Istruttorja – Ordni li jittieħdu fingerprints – Esperti jew Periti li jieħdu parti fi Proċeduri Kriminali kontra persuna determinata**

*Fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni sabiex tiġi assikurata l-protezzjoni tad-drittjiet u liberjatijiet fundamentali ta' kull persuna li hija soġġetta għall-proċeduri ta' natura penali – fis-sistema tagħna – hija estiża u tikkomprendi lil kull persuna li tiġi mħarrka quddiem il-Qrati tal-Maġistrati kemm jekk dawn ikollhom kompetenza ta' Ġudikatura Kriminali u kemm jekk dawk ikollhom kompetenza għall-istruttorja kriminali.*

*Biex ordni ta' Maġistrat tkun tista' tiġi esegwita fuq xi persuna, dik il-persuna trid tkun diġa ġiet jew inġabet taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu, għaliex altrimenti dik il-persuna ma tkunx assoġġetata u obbligata li tobdi dik l-ordni. B'emenda ta' l-1990, il-Maġistrat f'tali proċedura wara li jordna l-arrest imma qabel ma tibda l-kumpilazzjoni formali jista' joħroġ tali ordni biex jittieħdu dawk il-fingerprints.*

*Il-Kummissarju tal-Pulizxija u l-uffiċjali tiegħu huma kollha l-aħjar xhieda tal-fatti reali u materjali, imma m'humiex u ma jista' jkunu l-mezz li bih issir kwalunkwe prova li tirrikjedi interpretazzjoni jew apprezzament jew stima mix-xhud. Għalhekk l-impronti jistgħu jittieħdu minn uffiċjal tal-Pulizija sakemm dak l-operat jieqaf hemm u ma jsirx eżerċizzju valutativ ta' dawk l-impronti jew ta' paragun ma' impronti oħra u simili.*

*Il-Qorti Kostituzzjonali affermat il-posizzjoni tagħha esposta fis-sentenza tat-22 ta' Mejju 1991 fl-ismijiet "Nicholas Ellul vs Kummissarju tal-Pulizija" dwar esperti jew periti li jieħdu parti fil-proċeduri kriminali meta dawn ikunu fil-konfront ta' persuna identifikata.*

Il-Qorti: – Ikkunsidrat:

Dan huwa appell minn sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija fl-14 ta' Awissu 1991 u li se tiġi riprodotta fl-intier tagħha:

"Rat l-akkuża kontra Longinu Aquilina li biha ġie akkużat li f'B'Buġa, fis-6 ta' Mejju, 1991, bejn is-7.00 a.m. u s-6.00 p.m.:

(a) ikkometta serq ta' deheb, flus u oġġetti oħra mill-fond "Emzi", F.M. Ferretti Street, B'Buġa, liema serq hu aggravat bil-mezz, lok u valur li jeċċedi l-elf lira maltin;

(b) daħal f'dar jew lok ieħor jew f'reċint b'wieħed mill-mezzi imsemmijin fl-artikoli 264, 265 u 266 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, meta l-imsemmi Longinu Aquilina kien ġa ġie kkundannat għal serq;

(ċ) ikkometta ħsara volontarja fil-fond "St Emile House" u "Emzi", F.M. Ferretti Street, B'Buġa, liema ħsara tiskorri l-ħamsin lira maltin iżda anqas minn ħames mitt lira maltin;

(d) sar reċidiv wara li ġie kkundannat għal reat b'sentenza li ma tistax tiġi mħassra jew mibdula; u fl-aħħar

(e) kiser il-kundizzjonijiet ta' l-artikoli 5 u 9 tal-Kap. 152 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenzi mogħtija fil-31 ta' Lulju, 1990, fl-14 ta' Novembru, 1990 u fl-4 ta' Frar, 1991;

*Għaldaqstant filwaqt li qed jesebixxu estratt mill-Att tat-*Twelid ta' l-imsemmi Longinu Aquilina, jitolbu sabiex dan il-każ jiġi nvestigat skond il-liġi;

Rat ir-riferenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja tat-18 ta' Ġunju, 1991, li biha wara li rat il-verbal tat-12 ta' Ġunju, 1991, u l-verbal tallum: –

Tordna li tibgħat il-kwistjonijiet sollevati taħt l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni, u 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja, u ċjoè:

(1) Jekk l-uffiċjali tal-Korp tal-Pulizija setgħux:

(a) jiġu nominati mill-Maġistrat Inkwirenti biex jelevaw il-marki tas-swaba minn fuq il-post tar-reat;

(b) jittieħdux l-impronti diġitali ta' l-imputat waqt l-inkjesta a tenur ta' l-artikolu 554(2) tal-Kodiċi Kriminali;

(ċ) jekk jistgħux dawn l-esperti jiġu nominati biex jagħmlu l-komparazzjoni ta' l-impronti;

u dana kollu fid-dawl tas-sentenza tat-22 ta' Mejju, 1991, ta' Nicholas Ellul kontra l-Kummissarju tal-Pulizija;

(2) U jekk id-digriet mogħti mill-Maġistrat fit-12 ta' Ġunju fejn ikkonferma n-nomina mogħtija lilhom mill-Maġistrat Inkwirenti lill-esperti tal-*finger prints* mill-Korp tal-Pulizija jmorrux kontra l-Kostituzzjoni u kontra l-Konvenzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem fid-dawl tas-sentenza fuq ċitata, u għandhomx ir-rapporti esibiti mill-esperti hekk nominati u kkonfermati jiġu sfilzati;

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet u riferenzi ta' l-Avukat Prosekutur u ta' l-Avukat Difensur ta' l-istess Longinu Aquilina;

Rat l-atti kollha tal-kumpilazzjoni li ġew annessi ma' l-atti ta' dan ir-rikors;

Semgħet it-trattazzjoni;

Rat il-verbal tat-18 ta' Lulju, 1991, li bih il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti kif presjeduta messitha x-xorti, l-unur u l-oneru

li telabora fuq is-sentenza fl-ismijiet "Nicholas Ellul *vs.* Kummissarju tal-Pulizija", deċiża minnha fit-18 ta' Marzu, 1991 u pjenament ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Mejju, 1991. Dik is-sentenza stabbiliet il-prinċipju illi "mhux konduċenti għas-smigħ xieraq li jiġu nominati fl-proċeduri Kriminali, esperti, li mhux biss għandhom konnessjoni mill-qrib mal-prosekuzzjoni, imma fil-fatt huma dipendenti tagħha". Iddeċidiet illi "in-nomina mill-Qorti ta' uffiċjali tal-Pulizija bħala esperti ballistiċi kienet tikkostitwixxi leżjoni tad-drittijiet fundamentali ta' l-individwu kif protetti fl-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja, waqt li kkonfermat illi huma xhieda kompetenti fir-rigward biss ta' riżultanzi fattwali";

Ir-riferenza magħmula issa lil din il-Qorti mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja fil-kawża "Il-Pulizija *vs.* Longinu Aquilina", tirrigwarda n-nomina ta' uffiċjali tal-Pulizija bħala esperti tal-marki tas-swaba. Din il-Qorti hi naturalment limitata bit-termini ta' din ir-riferenza u għandha tirrispondi biss għall-kweżiti speċifiċi lilha magħmula. Kull materja oħra sollevata mill-abbli difensuri – mhux direttament rilevanti għal dawn il-kweżiti – għandha tiġi, kif ser tiġi, injorata mill-Qorti. Hija ġusta l-oġġezzjoni tal-Prosekutur li r-riferenza hija għal kollox skarna mill-elementi ta' fatt li wasslu lill-Qorti tal-Maġistrati biex tirreferi l-kweżiti lil din il-Qorti. Hu ilmenta illi r-riferenza tippekka fil-forma in kwantu ma tissodisfax ir-rekwiżiti kollha ta' l-Avviż Legali 48/64 li bih saru r-'*Rules of Court*' in materja. L-ilment hu ġustifikat u l-Qorti tinnota li l-kweżit kif redatt, għandu aktar il-forma ta' rijesta għall-parir ta' prinċipji, milli applikazzjoni tal-prinċipju għall-fatti partikolari tal-każ. Dan ma għandux ikun. Mill-banda l-oħra ġie esibit ma'

l-atti tar-rikors, il-proċess relattiv għall-proċeduri Kriminali kontra Longinu Aquilina u din il-Qorti ma jidhirlix, fiċ-ċirkostanzi, li hu l-każ li tirrimetti l-atti biex tiġi regolarizzata r-riferenza, anke għaliex l-Avukat Prosekutur ma nsistiex formalment fuq din l-oġġezzjoni u ma talabx deċiżjoni dwarha. Atteġġjament divers minn din il-Qorti jkun jimporta dewmien fid-determinazzjoni tar-riferenza li jkun preġudizzjevoli għall-akkużat. Waqt li r-regoli ta' proċedura maħsuba biex jassiguraw ordni u trasparenza fis-smigħ tal-kawżi għandhom jiġu osservati anke f'materja ta' indole, Kostituzzjonali – speċjalment mill-Qrati nfushom – dawn ma għandhomx jitħallew ixekklu jew idewmu bla bżonn id-determinazzjoni tal-mertu speċjalment fejn dan jinvolvi d-drittijiet fundamentali;

Huwa utili li l-Qorti tagħmel dawn l-osservazzjonijiet ġenerali qabel tgħaddi biex teżamina l-kweżiti tal-Qorti tal-Maġistrati:

(1) Il-materja ta' l-indipendenza tal-perizji ġie diġa epurat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawża ''Ir-Repubblika ta' Malta *vs.* Raymond Agius'' deċiża fit-12 ta' Jannar, 1988. Dik il-Qorti rrespinġiet l-eċċezzjoni li l-perizji ġudizzjarji kollha, inklużi dawk tal-*'fingerprints'*, huma invalidi għax huma *ex parte,* peress li l-persuni li jagħmluhom jinsabu fl-impieg tal-Korp tal-Pulizija u għalhekk ma għandhomx l-indipendenza meħtieġa biex ikunu periti tal-Qorti. Dik il-Qorti però eżaminat il-kwistjoni biss mill-aspett tal-provvedimenti tal-Kodiċi Kriminali in materja u ma kinitx ġiet vestita mill-aspett Kostituzzjonali tagħha li fl-ebda mument waqt dawk il-proċeduri, ma ġiet sollevata quddiemha. Kien biss fis-sentenza ta' Nicholas Ellul fuq ċitata li din il-Qorti Kostituzzjonali enunċjat il-prinċipji

li għandhom jirregolaw il-perizji fil-Qorti Kriminali fid-dawl tal-protezzjoni debita dovuta lid-drittijiet fundamentali tal-persuna akkużata. Il-pronunzjament tal-Qorti Kostituzzjonali – l-għola qorti fil-pajjiż – naturalment jorbot u għandu jiġi segwit;

(2) *"Fingerprinting"* huwa l-aktar mezz effikaċi biex tiġi identifikata persuna, proprju minħabba l-individwalità ta' kull marka tas-swaba. Konsegwentement it-teħid ta' l-impronti tas-swaba hu wieħed mill-aktar mezzi importanti fl-investigazzjoni tad-delitti. Il-marki tas-swaba mhux biss jistgħu direttament *jindizjaw* persuna bħala li tista' tkun involuta fil-kommessjoni ta' reat, imma wkoll jistgħu jagħtu lok għall-istudju komparattiv ma' marki oħra tas-swaba li jipprovdu indizji importanti fis-soluzzjoni ta' delitti. Hu ċar li huwa mezz effettiv kif jiġi ppruvat, kemm l-involviment u r-reità, kif ukoll l-estranejità u l-innoċenza ta' persuna sospetta;

(3) Hu ovvju li t-teħid ta' l-impronti tas-swaba jinvolvi l-persuna ta' l-individwu u konsegwentement, isorġi l-kwezit, x'jedd għandhom il-Pulizija li jeħduhom, speċjalment fl-opposizzjoni tal-persuna nvoluta. Giet avvanzata l-opinjoni illi t-teħid tal-marka tas-swaba jikkostitwixxi vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tal-*'privacy'*, kif ukoll hu vjolazzjoni tad-dritt fundamentali l-ieħor, li persuna hi preżunta innoċenti, sakemm tiġi ppruvata l-ħtija tagħha, u li ħadd ma għandu jiġi kostrett jagħti prova – f'dan il-każ bil-fiżiku tiegħu – kontra tiegħu nnifsu. Hu ċar li s-sottomissjoni tal-Prosekuzzjoni quddiem din il-Qorti, illi t-teħid tal-*'fingerprints'* fih innifsu biss hu kostatazzjoni ta' fatt materjali u prova fiżika newtra li bl-ebda mod, **waħedha** ma tista' tikkostitwixxi xi preġudizzju għad-drittijiet fundamentali ta' l-akkużat, ma hiex daqstant faċilment

sostenibbli;

(4) Il-kweżit quddiem din il-Qorti kif riferit lilha mill-Qorti tal-Maġistrati, ma tinvestix però dan l-aspett tal-kwistjoni. F'dan il-każ ma jirriżultax li kien hemm xi oġġezzjoni mill-akkużat Aquilina għat-teħid ta' l-impronti tas-swaba ordnat mill-Qorti. Hu ssottometta ruħu għall-ordni tal-Qorti, mogħtija in forza tal-liġi, mingħajr opposizzjoni. Qed joġġezzjoni biss, mhux li jittieħdu l-marki tas-swaba, imma minn min għandhom jittieħdu u min hu ntitolat li jagħti opinjoni esperta dwarhom fid-dawl tad-drittijiet tiegħu għal smigħ xieraq u ġust;

(5) Hu utili f'dan l-istadju li jiġi riportat fil-qosor kif hu regolat illum it-teħid tal-*'fingerprints'* bil-liġi. Sakemm saret l-emmenda ta' l-Att numru XXIX ta' l-1990, il-materja kienet regolata bl-artikolu 397(3) tal-Kodiċi Kriminali li jipprovdi illi l-Maġistrat, **matul il-kumpilazzjoni**, jista' "jordna wkoll, **fuq talba tal-Pulizija**, li l-imputat jiġi ffotografat, meqjus jew li jittieħdu l-istampar ta' subgħajh". Dan is-subinċiż hu sostanzjalment l-istess bħal l-artikolu 40 tal-*"Magistrates Court Act, 1952"* tar-Renju Unit. Bl-emenda ta' l-1990 fuq ċitata fit-titolu li jittratta dwar l-"In Genere, l-Aċċess u r-Reperti", il-Maġistrat, bl-artikolu 554(2) ġie mogħti l-fakoltà "li jordna li **persuna ndizjata** tiġi fotografata, meqjusa **jew li jittieħdulu l-istampi ta' subajh,** jew ta' xi parti ta' ġisimha jew ħwejjiġha jiġu eżaminati minn esperti maħtura għal dan l-iskop";

(6) Rilevanti għall-materja mertu ta' din ir-riferenza, huma dawn il-punti:

(a) Ma hemm xejn x'josta għat-teħid tal-*'fingerprints'*

**meta dan isir bil-kunsens tal-persuna involuta** sakemm tali kunsens ikun għal kollox liberu u jiġi hekk ppruvat li jkun;

(b) Ma hemm xejn x'josta **li l-Pulizija tieħu dawn il-*'fingerprints'*** jekk ikun hemm il-kunsens u kollaborazzjoni tal-persuna nvoluta, u dana f'kull mument fl-investigazzjoni tar-reat;

(ċ) Waqt l-inkjesta, il-Maġistrat Inkwirenti jista' jornda t-teħid tal-marki tas-swaba ta' **persuna ndizjata.** Jidher li jista' 'jagħmel dan anke mingħajr talba tal-Pulizija – però ma jirriżultax li għandu l-Maġistrat il-poter li jordna t-teħid tas-swaba ***ta' persuni li ma humiex indizjati bir-reat,*** *anki jekk* dan jirriżulta meħtieġ għall-fini ta' komparazzjoni ta' marki waqt l-investigazzjoni. Dan hu ta' ċerta rilevanza;

(d) Fl-istadju tal-kumpilazzjoni, il-Maġistrat jista' jordna **fuq talba tal-Pulizija,** li jittieħdu l-istampar tas-swaba ta' l-imputat. Ma jidhirx li jista' jordna dan jekk ma jkunx hemm talba tal-Pulizija. Importanti li jiġi rilevat li l-liġi fl-ebda wieħed mill-artikoli fuq ċitati ma tipprovdi li dawn il-*'fingerprints'* għandhom jittieħdu mill-Pulizija. Il-liġi tħalli lill-Qorti fil-libertà li tinkariga li min jidhirlha hi, li hu kompetenti u idoneju biex jagħmel biex jagħmel dan;

(e) Similment, il-liġi ma timponi bl-ebda mod fuq il-Qorti lil min taħtar **bħala espert** in materja ta' *'fingerprints'* u oħrajn. Sallum inħatru uffiċjali fil-Korp tal-Pulizija għax il-Qorti kienet hekk obbligata tagħmel bl-Avviż Legali 38 ta' l-1960 u ma jidhirx *li kellha xi xelta bejn li tagħżel membru tal-Pulizija Eżekuttiva* jew persuna estraneja għall-Korp. Dan sakemm tqajjem l-aspett kostituzzjonali fir-rikors ''Nicholas Ellul *vs.* Kummissarju

tal-Pulizija'';

Jingħad f'ċerti ambjenti li dik is-sentenza kellha jkollha l-effett ta' terremot ġudizzjarju. Verament il-Qorti kienet motivata li tiddeċidi skond il-konvinzjonijiet tagħha fuq l-opportunità li jiġu adegwatament protetti d-drittijiet fundamentali ta' l-akkużat u li jidher manifestament li qed jiġu hekk protetti. Kienet naturalment konxja li l-effetti ta' dik is-sentenza kienu ser imorru ferm oltre dawk immedjati għal dak ir-rikors partikolari u li kienet sejra, kif fil-fatt ġara, toħloq diffikultajiet mhux traskurabbli fl-applikazzjoni tal-prinċipji hemm deċiżi. Dana, kif ingħad ukoll fl-istess sentenza, in vista tal-limitazzjonijiet serji tal-pajjiż fir-rigward. Dawn id-diffikultajiet u limitazzjonijiet però ma kellhomx, kif fil-fatt ma għamlux, jipprekludu lill-Qrati li jiddeċiedu kif deherilhom li hu ġust għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali. Kif lanqas ma għandhomx jimpedixxu jew ixekklu l-isforzi biex tinstab soluzzjoni prattika, permanenti u ġusta li adegwatament tiggarantixxi l-interessi tas-soċjetà u tal-persuna akkużata fid-dawl tal-prinċipji enunċjati. Dan, din il-Qorti tawgura, li jsir mill-aktar fis possibbli, bla dewmien, għax hu ċar li dan hu problema li ż-żmien waħdu ma jsolvix;

Dan premess, hu importanti qabel tingħata deċiżjoni fuq il-kweżiti minn din il-Qorti li jiġi stabbilit f'liema parametri hija arġinata r-riferenza tal-Qorti tal-Maġistrati. Din ir-riferenza qed issir biex jiġi determinat jekk jkunx hemm ksur tad-driitijiet fundamentali tal-bniedem taħ l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja, li huma disposizzjonijiet biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-liġi għal min ikun akkużat b'reat kriminali. Hu għalhekk meħtieġ li jiġi determinat f'liema mument minn meta tibda l-investigazzjoni

tal-Pulizija, *una volta* tinġieb a konjizzjoni tagħha li jkun ġie kommess reat, iċ-ċittadin li jkun b'xi mod involut fih, għandu dritt tal-protezzjoni tal-liġi ,mogħtija f'dawn il-provvedimenti. Hu ovvju li appena persuna tiġi akkużata quddiem Qorti bir-reat hi għandha dritt għal tali protezzjoni. Għandha però dan id-dritt qabel tiġi hekk formalemnt akkużata? Id-disposizzjoni 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja f'dan ir-rigward u ngħatat risposta fl-affermattiv;

Fil-"*De Weer case*" (deċiż fis-27 ta' Frar, 1980), il-Qorti rriteniet:

***"The prominent place held in a democratic society by the right to a fair trial...prompts the Court to prefer a 'substantive' rather than a 'formal' conception of the 'charge' contemplated by Article 6(1)".***

Fil-"*Huber case*" (1975) u fl-"*Erkle case*" (1982), il-Qorti qalet: –

***"The Commission indicates that the relevant stage is that at which the situation of the person concerned has been substantially affected as a result of the suspicion against him";***

Ġie wkoll ritenut diversi drabi mill-*Commission* illi s-sempliċi fatt li l-pulizija tkun qed tagħmel investigazzjonijiet jew ikunu qed jinstemgħu xi xhieda jew li xi organu ġudizzjarju jkun qed jagħmel xi nkjesta preliminari, ma jfissirx li jkun hemm diġa involut xi akkużat kriminali;

Kif jirritjenu l-awturi P. Van Dyke u C.J. H. Van Hoof, fit-trattat tagħhom *"Theory and Practice of the European Convention on Human Rights"*: –

***"With respect to criminal prosecution, the Court has held that the beginning of the period to be considered must be regarded to be the moment at which a criminal charge is brought, since it is only from that moment that "the determination of ... any criminal charge' can be involved (Neumeister case – 1968). However, the rationale mentioned above entails that not in all cases is it possible to start from the moment at which the person in question is officially indicted, for even before that he may have realised that he is suspected of a criminal offence, so that from that moment he has an interest in that a decision about this suspicion may be made by the court";***

Hu għalhekk fil-mument meta l-investigazzjoni mill-Pulizija u fil-każ ta' Malta, anki mill-Maġistrat li jkun qed jikkonduċi l-inkjesta, jekk ikun il-każ, timmaterjalizza sal-punt li ċ-ċittadin jirrealizza illi s-suspett fir-rigward tiegħu kien qed ikun sostenut b'mod li jista' jwassal għall-akkuża fir-rigward tiegħu, illi japplikaw il-provvedimenti tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropeja protettivi tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq u ġust;

Indubbjament, dan il-mument jinkludi l-istanti meta l-persuna flok suspettata ssir indizzjata tar-reat. Dawn il-provvedimenti ċertament japplikaw allura fil-mument meta l-Maġistrat fit-termini ta' l-artikolu 554(2) tal-Kodiċi Kriminali jordna li jittieħdu l-impronti tas-swaba **ta' persuna indizjata**

**bir-reat avolja sa dak il-mument ma jkunx għadu ġie formalment akkużat bih;**

Fl-isfond tal-premess, din il-Qorti tista' issa tirrispondi għall-kweżiti lilha magħmula fir-riferenza. Tippremetti qabel xejn illi fid-dawl tal-prinċipji enunċjati fis-sentenza "Nicholas Ellul *vs.* Kummissarju tal-Pulizija", u biex jiġi salvagwardjat kemm jista' jkun ir-*'ration costituzionalis'* ta' Qorti indipendenti u imparzjali biex tiġġudika l-persuna akkużata b'reat, hu desiderabbli li f'kull stadju ta' l-operat tal-Maġistrat mill-inkjesta 'l quddiem – dan naturalment japplika wkoll għall-Qrati oħra – ma jiġux nominati uffiċjali mill-Korp tal-Pulizija biex jassistuwaha bħala esperti. Il-Qorti però trid tagħmilha ċara, li dik is-sentenza ma kienet qatt maħsubha biex tintralċja lill-Pulizija fix-xogħol investigattiv tagħha, li hu essenzjali biex jiġi rintraċċjat u miġjub quddiem il-Qrati min ikun ikkommetta r-reat. Il-Qorti tifhem ukoll illi l-abbużi jistgħu jsiru, kif ġie ppruvat li ġieli saru, minn xi membru rresponsabbli tal-Korp, li gravament jippreġudika l-integrità tiegħu u tal-Korp, imma jistgħu jiġru wkoll jekk, kif awgurat, jinstab il-makkinarju ta' esperti indipendenti suġġerit. Hu għalhekk li kull min hu involut fil-proċess ġudizzjarju mill-ġudikant 'il isfel għandu jkun dejjem għall-allert, jgħasses għall-possibilità ta' l-irregolarità u abbuż għax hekk biss jistgħu verament jiġu protetti d-drittijiet fundamentali tal-persuna akkużata. Hu sinjal pożittiv illi s-sistema ġudizzjarju sab il-forza u l-mezzi biex jidentifika l-abbuż f'xi okkażjonijiet u jirrejaġixxi b'mod effikaċi – anki jekk ċertament megħjun mhux ftit b'kambjamenti soċjali li avverraw ruħhom;

A. L-ewwel kweżit fir-riferenza hu "Jekk l-uffiċjali tal-Korp tal-Pulizija setgħux jiġu nominati mill-Maġistrat

Inkwerenti biex jelevaw il-marki tas-swaba minn fuq il-post tar-reat''. Ir-risposta hi fl-affermattiv, salv ir-rakkomandazzjoni ġenerali li saret aktar 'il fuq, fuq l-opportunità li f'kull stadju tal-proċedura, kemm jista' jkun, jiġu nominati mill-Qrati, biex jgħinuhom, persuni li ma humiex uffiċjali tal-Pulizija. Hu ċar li sa dak il-mument il-marki tas-swaba għadhom bla paternità u ma jistgħux jitqiesu li jirreferu għal xi persuna partikolari. Anki jekk ma jistax jiġi eskluż illi xi marka tkun ta' persuna li eventwalment tista' tiġi indizjata bħala l-awtur tar-reat u sussegwentement akkużata li kkommettietu. Dawn il-marki fil-fatt f'dan l-istadju jistgħu jiġu elevati mill-pulizija waqt l-investigazzjoni tagħha indipendentement minn kull ordni tal-Qorti, fil-kors normali ta' l-indaġini. L-awtentiċità ta' l-operat tal-Pulizija, u l-attendibilità tal-prova li tkun trid issir bihom, tkun dejjem soġġetta għall-iskrutinju tal-Qorti u tal-partijiet fil-proċedura, konsegwenzjali għall-indaġini rikjesta. L-opportunità f'dan l-istadju għan-nomina ta' persuni li ma jkunux uffiċjali tal-Pulizija tirriżulta għalhekk mill-interess ġenerali tal-ġustizzja u l-amministrazzjoni tagħha u mhux mill-interess partikolari ta' xi ċittadin u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu;

B. It-tieni kweżit hu jekk l-uffiċjali tal-Pulizija setgħux jieħdu l-impronti diġitali ta' l-imputat waqt l-inkjesta, a tenur ta' l-artikolu 554(2) tal-Kodiċi Kriminali. Għall-preċiżjoni jingħad li f'dan l-istadju hu aktar proprju li wieħed jitkellem mill-impronti **tal-persuna indizjata** milli ta' l-imputat. Kif sewwa rrileva l-Avukat Prosekutur, ir-riferenza m'hiex tpoġġi fid-dubju l-Kostituzzjonalità ta' tas-sub-inċiż, u ċjoè, jekk **il-qorti għandhiex id-dritt** li tordna t-teħid tal-'*fingerprints*' **kontra l-volonta** tal-pesuna indizjata, in kwnatu dan jivvjola drittijiet fundamentali oħra kif indikat aktar 'l fuq. Il-kweżit hu limitat

għal jekk il-Qorti setgħetx tinnomina uffiċjali tal-Pulizija biex jieħdu l-impronti. F'dan il-kuntest limitat, it-teħid ta' l-impront jirriduċi ruħu għal wieħed verament mekkaniku, analogu għal dak tal-fotografija. Fil-fehma ta' din il-Qorti ma jista' jkun hemm l-ebda preġudizzju għal persuna indizjata jew għad-drittijiet fundamentali tagħha, jekk ikun hemm iċ-ċertezza illi l-impronti meħuda mhux biss jittieħdu kif għandhom jittieħdu, imma jkunu preservati b'mod li ma jkunx jista' jkun hemm dubju li jkunu dawk tal-persuna indizjata. Dan jista' jiġi assigurat billi l-impronti jittieħdu fil-presenza fiżika tal-Maġistrat Inkwirenti li jiċċertifika r-riżultat, li jiġi introdott fl-atti ta' l-inkjesta minnufih bħal dokumenti oħra, jew alternattivament, bil-kunsens bil-miktub tal-persuna indizjata li jittieħdu mhux fil-presenza tal-Maġistrat, imma fil-presenza, per eżempju, ta' l-avukat li jassisti lill-istess persuna indizjata, li wkoll jiċċertifika r-riżultat ta' l-impronti; u flimkien ma' l-uffiċjal prosekutur jintroduċu r-riżultat fl-atti proċesswali. F'dan is-sens ir-risposta għal dan il-kweżit hi wkoll fl-affirmattiv, in kwantu wkoll, f'każ ta' dubju jew suspett ta' abbuż, jibqa' dejjem possibbli b'mod faċli, illi l-impronti meħuda jiġu kkomparati ma' l-oriġinal fil-preżenza tal-persuna indizjata. F'tali eventwalità kull paragun, irid isir minn espert li ma jkunx uffiċjal tal-Korp tal-Pulizija, kif jirriżulta mir-risposta għat-tielet kweżit;

Ċ. It-tielet kweżit hu jekk l-uffiċjali tal-Korp tal-Pulizija setgħux **bħala esperti** jiġu nominati biex jagħmlu l-komparazzjoni ta' l-impronti. Ir-risposta fid-dawl tas-sentenza "Nicholas Ellul *vs.* Kummissarju tal-Pulizija", hija fin-negattiv. Kif fuq spjegat fil-mument li l-Maġistrat jordna li jittieħdu l-*'fingerprints'* ta' persuna fl-inkjesta, dan ifisser li f'dak il-mument dik il-persuna tkun indizjata. Hi allura intitolata għall-protezzjoni

tal-provvedimenti tal-Kostituzzjoni dwar smigħ ġust u xieraq kif elenkati fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja, l-istess bħal kull persuna oħra li tkun ġiet formalment akkużata b'reat. Kull paragun xjentifiku ta' impronti u opinjoni dwarhom għandha għalhekk issir minn persuni li jkunu indipendenti, u li ma jkunux dipendenti mill-Pulizija li hi wkoll responsabbli kemm biex tressaq lill-bniedem sospettat li jkun ikkommetta r-reat, quddiem il-Qorti, kif ukoll li tmexxi l-prosekuzzjoni kontra tiegħu. Hu ovvju illi din hi l-vera perizja dwar il-*'fingerprints'* u hu hawn li l-persuna nominata trid tkun "esperta" u mhux fit-teknika tat-teħid fiżiku ta' l-impronti infushom. Il-fatt illi din il-perizja tista' sservi biex twassal għall-prova konklussiva, mhux biss tal-kolpevolezza tal-persuna indizjata imma wkoll ta' l-innoċenza tagħha, ikompli jsaħħaħ il-konvinċiment ta' din il-Qorti, li anki f'dan l-istadju, il-persuni nominati bħala esperti, għandhom ikunu indipendenti mill-Korp tal-Pulizija;

D. Il-Qorti ġiet ukoll mitluba tiddeċidi:

(1) Jekk id-digriet mogħti mill-Maġistrat fit-12 ta' Ġunju, fejn ikkonferma fin-nomina mogħtija lilhom mill-Maġistrat Inkwirenti, lill-esperti tal-*'fingerprints'* mill-Korp tal-Pulizija jmurx kontra l-Kostituzzjoni u kontra l-Konvenzjoni Ewropeja fid-dawl tas-sentenza "Nicholas Ellul *vs.* Kummissarju tal-Pulizija" fuq ċitata. Ir-risposta hi fl-affermattiv, għax la ċ-ċirkostanzi huma identiċi għal dak il-każ, il-konklużjoni u r-rimedju għandhom ikunu identiċi;

(2) Jekk ir-rapporti esibiti minn dawn l-uffiċjali tal-Pulizija esperti nominati u konfermati għandhomx ikunu sfilzati. Kif diġà

deċiż fil-kawża ''Nicholas Ellul *vs.* Kummissarju tal-Pulizija'' dawn l-uffiċjali tal-Pulizija huma xhieda kompetenti biex jixhdu dwar il-fatti u r-riżultanzi li rriżultawlhom waqt l-indaġini tagħhom – anki waqt li kienu qed jespletaw l-inkarigu lilhom mogħti. Dwar dawn il-fatti huma jistgħu jiddeponi u r-rapporti minnhom ippreżentati, in kwantu jelenkaw u jirrapportaw dawn il-fatti, huma ammissibbli. Kif huma ammissibbli wkoll l-impronti tas-swaba meħuda minnhom, kemm taħt il-kweżit ''A'', kif ukoll il-kweżit ''B'', fuq ġa deċiżi;

Għandhom jiġu sfilzati minn dawn ir-rapporti kull opinjoni esperta – komparattiva jew xort'oħra – li l-istess uffiċjali nkludew fir-relazzjonijiet tagħhom. Tali ġudizzju espert għandu fl-iskorta ta' l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali, jiġi afdat f'idejn esperti nominati mill-Qorti li ma jkunux dipendenti mill-Kummissarju tal-Pulizija li hu ultimament responsabbli għall-investigazzjonijiet tar-reat u t-tmexxija tal-prosekuzzjoni kontra l-persuna akkużata;

Il-Qorti tirrinvija l-atti tar-rikors u tar-riferenza lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja għall-kontinwazzjoni'';

(i) L-appell prinċipali sar mill-Kummissarju tal-Pulizija, waqt li Longinu Aquilina interpona appell inċidentali;

L-ewwel aggravju tal-Kummissarju tal-Pulizija huwa li s-sentenza appellata fit-tielet kweżit – Ċ – interpretat il-frażi li hemm fl-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni – ''**akkużat** b'reat kriminali'' bħala li tikkomprendi wkoll dik il-persuna li hija ''**imputata**'' b'reat kriminali;

Din il-Qorti hija ta' l-opinjoni illi dak li hemm fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni sabiex tiġi assikurata l-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet fundamentali ta' kull persuna li hija soġġetta għall-proċeduri ta' natura penali u kriminali – fis-sistema tagħna – hija estiża u tikkomprendi lil kull persuna li tiġi mħarrka quddiem il-Qrati tal-Maġistrati kemm jekk dawn ikollhom kompetenza ta' ġudikatura kriminali u kemm jekk ikollhom kompetenza għall-istruttorja kriminali;

Din il-Qorti sa ċertu punt tifhem l-insistenza ta' l-awtoritajiet li għandhom it-tmexxija ta' l-azzjoni kriminali fir-Repubblika, konferita bl-artikolu 4 tal-Kodiċi Kriminali, biex id-distinzjoni li jagħmel il-Kodiċi Kriminali bejn **imputat** u **akkużat**, tiġi użata ukoll u estiża u applikata biex jingħad li dawn id-drittijiet u libertajiet fundamentali huma biss tat-tieni kategorija ta' persuni u mhux ta' l-ewwel ukoll;

Però ma tistax tikkondividi din it-teżi, u qiegħda fl-ewwel lok tara li donnu mhux qed jiġi apprezzat l-ispirtu profond ta' ġustizzja bbażata prinċipalment fuq konsiderazzjonijiet ta' Dritt Naturali li, wara sekli sħaħ ta' lotta kontinwa ta' filosofi u ġuristi, wasal finalment biex jikkonvinċi l-politiċi li mingħajr dak ir-rikonoxximent ta' dawk id-drittijiet bażilari, u fuq kollox il-protezzjoni tagħhom, m'hemm assolutament xejn x'jilqa' biex fl-istess stat, miċ-ċivilità li titgawda fil-għodu, ninżlu għal barbariżmu feroċi ta' wara nofs in-nhar. U din sfortunatament, hija l-istorja kontemporanja għal kull ġenerazzjoni li hawn fid-dinja, li għandha aktar minn għaxar snin;

Fit-tieni lok – għal dak però li mhux propens li jħares lejn l-għoli ta' dak l-edifizzju majestuż li fl-aħħar mill-aħħar, huwa

l-isperanza perenni ta' l-umanità – l-Istat tad-Dritt – u jrid biss jifli dak li hemm miktub fil-liġijiet skjerati fuq l-ixkaffa quddiem għajnejh, u li m'għandu għalfejn jiskomoda ruħu xejn, ħlief li joħroġ idejh u jieħu l-volum rilevanti minn fuq dik l-ixkaffa – għal grazzja t'Alla u tal-ġuristi u politiċi maltin li ġew qabilna, il-Kodiċi Kriminali stess – fil-parti l-kbira tiegħu – jgħallem l-istess lezzjoni;

Di fatti fit-Tieni Ktieb tal-Kodiċi, li jipprovdi għall-Proċedura Kriminali nsibu, fl-ewwel Taqsima, kif huma organizzati l-Qrati ta' kompetenza kriminali u l-funzjonalità raġjunata tagħhom. Hekk *it-Titolu II* – *"Fuq il-Qorti tal-*Pulizija Ġudizzjarja" (kif kienet tissejjaħ qabel il-bidla riċenti ta' l-isem), jinqasam fi tlett sotto-titoli; ta' l-ewwel jirrigwarda dik il-Qorti bħala waħda ta' Ġudikatura Kriminali u tat-tieni, bħala waħda ta' Istruttorja. Anzi jkun aktar korrett li ma jingħadx li l-kompetenza hija differenti, għaliex l-artikolu 367, b'aktar preċiżjoni jgħid "żewġ attribuzzjonijiet" ta' l-istess qorti; id-"*duplice attribuzione*" tat-*test* oriġinali ta' l-1854;

Is-sotto-titolu II li jikkomprendi l-artikoli 389 sa 409 – jipprovdi u jirregola għal dik il-proċedura li teħtieġ meta l-Qorti tal-Maġistrati tkun qed tiffunzjona skond it-tieni attribut tagħha, ċjoè li "tmexxi l-kompilazzjoni li tinħtieġ" u dan "fir-reati soġġetti għal piena li taqbeż il-kompetenza tal-Qorti fl-attribuzzjoni tagħha ta' Ġudikatura Kriminali";

Għal kjarezza organizzattiva u proċedurali l-Kodiċi *jikkaretterizza, jittipifika u jiddiskrivi* – *il-persuna li tiġi mressqa* quddiem il-Qrati tal-Maġistrati bħala **imputat** – **u dan fiż-żewġ attribuzzjonijiet** – mentri ssejjaħ **akkużat** kull min ikun

se jidher quddiem il-Qorti Kriminali – ħlief naturalment – b'riżultat ta' l-emendi relattivament riċenti – dik il-persuna li skond il-liġi kellha titressaq quddiem il-Qorti Kriminali u għalhekk hija msejħa **l-akkużat**, tibqa' hekk tissejjaħ **akkużat**, meta tagħżel li l-proċeduri kontra tagħha jsiru sommarjament mill-Qorti tal-Maġistrati;

Il-Kodiċi stess jipprovdi għall-protezzjoni tad-drittijiet ta' l-**imputat** soġġett għall-proċedura kriminali magħrufa bħala istruttorja jew kompilazzjoni – **imputat** b'reati kriminali li assoġġettawh għall-arrest – kif inhuwa ukoll hekk protett l-**imputat** fil-proċedura ta' ġudikatura kriminali sommarja, u kif inhuwa protett l-**akkużat** b'reati kriminali li jitolbu pieni ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali;

Għalhekk, din il-Qorti assolutament ma ssib ebda raġuni valida biex f'xi mument tiddubita li "akkużat b'reat kriminali" ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, tikkomprendi u tfisser ukoll, għall-iskopijiet tal-liġi tagħna, "imputat b'reat kriminali" billi tali distinzjoni, fil-Kodiċi Kriminali, hija waħda funzjonali jiġifieri ta' organizzazzjoni u kjarezza. Hija distinzjoni ta' kategorija ta' kwalità ta' persuni u mhux distinzjoni ta' attribuzzjoni ta' drittijiet fundamentali. Mhix, fuq kollox, distinzjoni biex isservi ta' differenjazzjoni jew diskriminazzjoni għal dak li huwa l-garanziji u l-protezzjoni ta' dawk id-drittijiet fundamentali bejn id-diversi persuni – li jiġu **kollha** assoġġettati għal xi kwalità ta' proċedura kriminali, skond il-ġravità tar-reati ipotezzati u skond il-fażijiet diversi ta' dawk il-proċeduri. F'termini skolastiċi – dak li hemm fil-Kostituzzjoni huwa "*simpliciter*" u dak li hemm fil-Kodiċi Kriminali huwa "*secundum quid*", it-tnejn skond ir-raġuni prattika li

tiġġustifikahom u tilluminahom;

U daqstant ieħor din il-Qorti – sempliċiment – mhux lesta li tifhem li l-Kostituzzjoni, proprju tagħna, ma tridx testendi l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali li għandu l-**akkużat**, u teskludi lill-**imputat** bħallikieku dan ta' l-aħħar (l-imputat) jista' jisubixxi, sempliċiment għaliex għandu dan l-"isem", kull kwalità ta' anġerija, waqt li dak (l-akkużat), li huwa f'posizzjoni soċjali u ġuridika, agħar minnu, għaliex akkużat b'reat aktar gravi, ma jistax ibati;

Wara dan kollu, din il-Qorti għalhekk tispera, li din il-kwalità ta' sottomissjoni mhix se tara aktar quddiemha;

(ii) Il-Qorti se tgħaddi issa biex tikkunsidra dak li hemm fis-sentenza appellata u fir-rikors ta' l-appell rigward is-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 554 Kap. 9 jiġifieri rigward l-ordni ta' Maġistrat biex jittieħdu l-istampi ta' subgħajn tal-"persuna indizjata". U hawn ukoll il-kontroversja hija – bir-rispett kollu, aktar nominalistika milli ħaġ'oħra;

L-imsemmi artikolu 554 jipprovdi għal meta, il-Maġistrat, jordna l-arrest ta' xi persuna. Dan jista' jagħmlu meta:

(i) waqt li jkun qed jagħmel aċċess, jikxef li dik il-persuna hija ħatja; jew meta,

(ii) ikunu nġabru indizji biżżejjed kontra tagħha;

Biex ordni ta' Maġistrat tkun tista' tiġi esegwita fuq xi persuna, dik il-persuna trid tkun diġa ġiet jew inġabet, taħt il-

ġurisdizzjoni tiegħu, għaliex altrimenti, din il-Qorti ma tarax, kif tali ordni tista' tinħareġ mingħajr ma dik il-persuna tkun ġiet assoġġettata u obbligata li tobdi dik l-ordni. Għalhekk, "persuna indizjata" tfisser, meta jinqara l-artikolu kollu, u mhux biċċa minnu, persuna arrestata in forza ta' l-indizji li nġabru kontra tagħha. Dan, il-Qorti qiegħda tgħidu għaliex huwa neċessarju li tissenjala, lil kull min huwa interessat, li għandhom jaraw li tiġi ppreċiżata l-linja, li meta tinqabeż, dik il-persuna, minn dak il-mument, għandha titqies li hija assoġġettata għall-proċeduri kriminali u, li minn dak il-mument, għandu jkollha l-garanziji li tikkontempla l-Kostituzzjoni;

Issa kif sewwa nnutat l-ewwel Onorabbli Qorti din l-emenda ta' l-artikolu 554 li saret bl-Att XXIX ta' l-1990, żiedet ma' dak li hemm maħsub fl-Art. 397 Kap. 9 biex il-Maġistrat ikollu l-poter li jagħti tali ordni meta jkun qed jiffunzjona f'dik il-proċedura preliminari nvestigattiva li hemm kontemplata, wara li jsir rapport, denunzja jew kwerela ta' reat li dwaru għandha ssir **kompilazzjoni** li però, sa dak il-mument, ebda persuna ma tkun għadha, ġie lilha imputat, tali reat. Bl-emenda ta' l-1990, il-Maġistrat f'tali proċedura, wara li jordna l-arrest, – imma qabel ma tibda l-kumpilazzjoni formali, – jista' joħroġ tali ordni biex jittieħdu dawk l-istampi;

Issa fuq dan kollu għamlet sewwa l-ewwel Onorabbli Qorti li ma ppronunzjatx ruħha fuq l-implikazzjonijiet kostituzzjonali li jistgħu jqumu fir-rigward, għaliex savjament segwiet il-prattika prudenzjali ċentenarja ta' dawn il-Qrati, li jippronunzjaw ruħhom fuq il-każ konkret li jkollhom quddiemhom, u l-istess se tagħmel din il-Qorti, barra, milli naturalment, tenfasizza s-senjalazzjoni li għamlet qabel;

(iii) F'dan il-kontest ta' l-artikolu 554(2) Kap. 9 fil-paragrafu ġura tar-rikors ta' l-appellant hemm dan li ġej:

"... bil-fatt li l-Maġistrat jordna li jittieħdu l-impronti diġitali ... b'ebda mod ma jimplika li hemm "*a criminal charge* ..."

imma anki jekk hemm

"... jibqa' l-fatt li l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni ma hux applikabbli f'dak l-istadju peress li l-proċeduri in kwistjoni m'humiex "*In the determination of a criminal charge*". Dan huwa biżżejjed biex tiġi revokata s-sentenza appellata f'dan ir-rigward";

Hawn ukoll, l-istess bħal qabel, l-appellant kontinwament jistrieħ fuq approċċ nominalistiku għall-problemi ta' din in-natura u b'hekk jitlef kull konsiderazzjoni għal dak li huwa l-veru sinjifikat ta' x'inhuma essenzjalment id-drittijiet fundamentali li għandhom dejjem jiġu rispettati jekk għandha tiġi amministrata l-ġustizzja kriminali, aktar milli l-liġi kriminali;

Il-Qorti tosserva lill-appellant li "*determination of a criminal charge*" hija tradotta bil-malti "fid-deċiżjoni ta' xi akkuża kriminali". Dan ikompli juri kemm huwa inutli li jingħata każ biss ta' kelma jew frażi, biex fuqhom jinbnew argumenti li jispiċċaw biex jiddivorzjaw dik il-kelma jew frażi mill-bqija ta' l-artikolu fejn jirrikorru, u 'l bogħod mis-sens kollu ta' l-istess, billi, dak is-sens veru jista' jittieħed biss mill-qari komplessiv ta' kollox u mill-intendiment tar-"*ratio*" li dawk il-kliem u dawk il-frażijiet, ħafna drabi fil-povertà tagħhom, ikunu qegħdin

jipprovaw jikkomunikaw;

Hawnhekk il-frażi bl-ingliż, senjalata fil-kontest ta' l-artikolu kollu, tfisser sempliċement "dak li jsir biex iwassal għal deċiżjoni fuq akkuża kriminali" billi l-kelma "*determination*" timplika deċiżjoni (u tispjega l-operat tat-traduttur malti), u għalhekk m'huwiex possibbli għall-Qorti li tikkontempla li d-drittijiet fundamentali ta' persuna jibdew biss mill-mument li joħroġ Att ta' l-Akkuża 'l quddiem, għaliex qabel dan l-istadju dik il-persuna mhix akkużata b'reat kriminali (*charged with a criminal offence*) esklużi wkoll dawk id-drittijiet **minimi** li jsemmi s-sub-artikolu (3) ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni;

(iv) F'dan il-kuntest ukoll, għandu jiġi rilevat illi dak kollu li l-Maġistrat huwa awtorizzat li jagħmel bl-art. 554(2) Kap. 9 wara li jarresta l-persuna li "jikxef li hija ħatja", isir permezz "ta' esperti maħtura minnu għal dan l-iskop" u dan għaliex, kif irrimarkat l-ewwel qorti u li konstantement għandu jinżamm quddiem għajnejn kull min jieħu parti fi proċeduri kriminali diretti kontra persuna identifikata – (u mhux dawk diretti biex jikkonstataw il-materjalità tar-reat u jirreġistraw il-fatti kollha rilevanti u jippreservaw il-provi kollha neċessarji, liema proċeduri m'għandhomx kuntradittluri) **huwa**, illi l-Kummissarju tal-Pulizija u l-uffiċjali tiegħu **huma** kollha l-aħjar xhieda tal-fatti reali u materjali, **imma m'humiex** u ma jistax ikunu l-mezz li bih issir kwalunkwe prova li tirrikjedi interpretazzjoni jew apprezzament jew stima mix-xhud. U dan għaliex din, essenzjalment tinvolvi għażla valutattiva soġġettiva li fis-sistema tagħna – tista' biss tassurġi biex tersaq lejn l-oġġettività relattiva, u b'hekk tista' tiġi, bil-kawtela dovuta, aċċettata, meta dik l-għażla valutattiva u soġġettiva ssir minn min huwa estraneju

għall-proċediment u mhux konness b'xi mod mal-partijiet li qed jieħdu parti fih;

Għalhekk din il-Qorti tagbel ma' l-ewwel qorti rigward it-tieni kweżit fis-sens li għad-domanda jekk l-impronti ta' l-imputat jistgħux jittieħdu minn uffiċjal tal-Pulizija r-risposta hija affermattiva, sakemm dak l-operat jieqaf hemm u ma jsirx eżerċizzju valutattiv ta' dawk l-impronti jew ta' paragun ma' impronti oħra u simili;

(v) Il-Qorti konsegwentement taqbel mar-risposti mogħtija mill-ewwel qorti għall-kweżiti fir-riferenza, u għalkemm reġgħet ikkunsidrat il-problema ta' l-esperti jew periti li jieħdu parti fil-proċeduri kriminali meta dawk ikunu fil-konfront ta' persuna identifikata u nominata, ma sabet ebda raġuni ġdida għaliex għandha tiddsikosta ruħha minn dak li ġie minnha ritenut fis-sentenza preċedenti tagħha tat-22 ta' Mejju 1991 fl-ismijiet Nicholas Ellul *vs.* Kummissarju tal-Pulizija u qed jiġi hawn ribadit;

Il-Qorti tikkonfessa li ma fehmitx dak li hemm fil-paragrafu 23 tar-rikors fejn intqal li dak li kien sar b'mod żbaljat – ċjoè li uffiċjali ta' l-appellant ġew permessi li jagħmlu l-prova teknika, li kellha ssir permezz ta' espert, liema espert, fis-sistema tagħha m'għandux ikun "*ex parte*", għaliex altrimenti ma tistax tiġi assikurata trattazzjoni xierqa tal-kawża – m'għandux jiġi kkanċellat permezz ta' l-isfilz tar-rapporti ta' dawn l-esperti – hekk oġġezzjonabbli. L-appellanti jippretendi li dawn ir-rapporti għandhom jibqgħu fil-proċess u l-Qorti għandha – bħala rimedju – tinnomina esperti oħra biex jirrapportawlha mill-ġdid. Din it-talba m'għandha ebda meritu. Dak li huwa

inammissibbli ma jistax jiġi ammess jew tollerat;

(vi) Fis-sottomissjonijiet orali l-appellant għamel riferenza għad-deċiżjoni tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Umani tas-27 ta' Ġunju 1991 fil-każ Brandstetter *vs.* Awstrija (*Case numbered 37/1990/228/292 – 294*);

Dik il-Qorti tgħid illi l-kwistjoni ta' l-esperti f'proċeduri kriminali trid tiġi eżaminata fil-kontest tal-garanziji li hemm bżonn għal trattazzjoni xierqa, u tagħmel riferenza għal dak li ġie deċiż fis-sentenza fil-każ ta' Bonisch tas-6 ta' Mejju, 1985, u tgħid (sommarjament):

*"In this context, it will take into consideration* ***the position occupied by the expert throughout the proceedings*** *and* ***the manner in which he performed his functions";***

Jista' jingħad mill-ewwel u mingħajr ebda eżitazzjoni illi dik il-Qorti qed tħares lejn il-problema *"ex post"* għaliex hija teżamina każijiet li jiġu quddiemha meta l-proċess, fil-pajjiż ta' oriġini, ikun magħluq u finalizzat;

Din il-Qorti għandha funzjoni antiċedenti, inkwantu tiġi mitluba biex tintervejni **waqt** il-proċedura malli l-leżjoni tiġi intravvista, jew anki, sempliċement antiċipata. Għalhekk, għalkemm din il-Qorti hija dejjem lesta li ssegwi d-deċiżjonijiet tat-tribunali esteri l-aktar akkreditati – kif dejjem sar fil-ġurisprudenza tagħna – trid dejjem tiġi użata dik l-attenzjoni prudenzjali li l-posizzjoni titlob;

Fil-każ tagħna l-esperti – uffiċjali tal-pulizija – matul il-

proċedura kollha, – mill-bidu tal-kumpilazzjoni sas-sentenza definittiva, – ikunu, inevitabbilment u neċessarjament, f'kuntatt kontinwu ma' l-appellant, kif huwa naturali u normali li għandu jkun, biex jistgħu jagħtu s-servizz tagħhom, kif għandu jagħmel kull min lealment huwa marbut li jagħti servizz, kull min huwa impjegat għal dak is-servizz;

Il-kriterju l-ieħor:

*"the manner in which he performed his functions"*

*ma japplikax, inkwantu dan kriterju lijista' jiġi applikat* **wara** li jispiċċa l-proċess, mentri kif intqal din il-Qorti tiġi interpellata fi stadji preċedenti s-sentenza finali;

u difatti, – ikompli s-sommarju tas-sentneza ta' Brandstetter *vs.* Awtrija: –

*"The mere fact that Mr. Bandion belonged to the staff of the Agricultural Institute does not justify his being regarded – as was the case with the expert in the Bonisch case – as a witness for the prosecution.* ***Nor does the file disclose other grounds for so considering him";***

Il-Qorti qiegħda tissottolinea l-aħħar sentenza biex turi li l-eżami tal-Qorti Ewropeja jsir *"ex post facto"* meta l-operat ta' l-espert huwa konkjuż, u l-Qorti tiġi mitluba teżamina dak l-operata **wara** li tingħata s-sentenza li tkun ikkunsidrat dak l-operat. Għalhekk dan il-kriterju ma jistax jiġi adottat minn din il-Qorti f'każijiet bħal dak preżenti;

Dan il-paragrafu jingħalaq billi l-Qorti tordna l-isfilz tan-nota ta' l-appellant li biha esebixxa fotokopja tas-sommarju ta' l-imsemmija sentenza tal-Qorti Ewropeja għaliex din il-Qorti ma tridx li l-faxxikoli tal-kawżi jiġu appeżantiti inutilment u hija l-prattika tagħha li meta l-partijiet ikunu jridu jagħmlu riferenzi għal sentenzi, artikoli, kotba u simili, dawk l-opri jitħallew għand id-Deputat-Reġistratur biex il-Qorti tkun tista' tikkontrollahom u tikkonsultahom u tirregola wkoll l-aċċessibilità tagħhom għall-parti l-oħra. F'dan il-każ, infatti, sfortunatament, dak id-dokument ġie esibit mingħajr il-permess tal-Qorti, għaliex kieku dak il-permess intalab, kif suppost, kienet tiġi applikata l-prattika msemmija;

(vii) L-appellat Longinu Aquilina fir-risposta tiegħu, jissottometti illi s-sentenza ta' l-ewwel grad għandha tiġi kkonfermata

"... barra dik il-parti fejn irriteniet li r-rispost għat-tieni kweżit jekk uffiċjal tal-Korp (tal-Pulizija) għandhomx jieħdu l-"*impronte*" ta' l-akkużat ...";

però dan il-punt ġie diġa kunsidrat fil-paragrafu 5 supra, u ngħataw hemmhekk ir-raġunijiet għaliex din il-pretensjoni ma tistax tiġi aċċettata;

(viii) Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad l-appelli u tikkonferma s-sentenza appellata u fiċ-ċirkostanzi, l-ispejjeż huma a karigu tal-Kummissarju tal-Pulizija, billi l-intervent ta' Longinu Aquilina fl-appell, kontra s-sentenza ta' l-ewwel grad huwa ta' natura minima, u ma jattirax spejjeż;

L-atti jmorru quddiem il-Qorti tal-Maġistrati biex jitkomplew il-proċeduri relattivi skond il-liġi.